MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Numru 20/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**

**vs**

**Abdul Baset Dabia**
**Adel Muftah Elforjani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Abdul Baset Dabia ta’ 39 sena, bin Mohammed u Mabrouka, imwieled Tripli (Libja) fil-5 ta’ Jannar 1969 u joqghod Nru. 20 Triq Sant’ Andrija, Valletta, detentur tal-karta tal-Identita’ Nru. 19563A u lil Adel Muftah Elforjani ta’ 27 sena, bin Muftah u Salma, imwieled Tripli (Libja) fis-16 ta’ Ottubru 1981,

joqghod f'post mhux maghruf gewwa tas-Sliema u detentur tal-passport numru 758199/2005 gew akkuzati:

Talli fis-6 ta' Jannar 2008, ghal habta tal-kwarta ta' filghodu gewwa l-Furjana, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircievew minghand xi persuna, jew ikollhom fil-kustodja jew pussess taghhom, kwantita' ta' biljetti tal-flus falsifikati, (Liri Maltin) li kienu jafu li l-istess kienu falsifikati;

Adel Muftah Elforjani wahdu akkuzat talli fl-istess jum u cirkostanzi, ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu, fl-inhawi tal-Pieta', attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 613 Victor Gatt persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u kkagunalu griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu skond kif medikament iccertifika Dr Robert Patiniott MD mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

Adel Muftah Elforjani wahdu akkuzat talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 613 Victor Gatt u PC 421 Alex Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqghom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Adel Muftah Elforjani akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' flokk u qmis li jaghmlu parti mill-uniformi ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija;

Barra minn dan, Abdul Baset Dabia huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MPG1 u nnutat li l-imputati, wara li nghataw zmien xieraq biex jirrispondu jekk ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja, iddikjaraw fil-presenza tal-avukati difensuri rispettivi taghhom, li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja. Inoltre l-istess imputati fil-presenza tal-avukati difensuri rispettivi taghhom iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Leslie Cuschieri ghall-imputat Abdul Baset Dabia iddikjara li l-istess imputat ghandu intenzjoni serja li jaghmel programm kontra l-vizzju tad-droga.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-akkuza fil-konfront tal-imputat Adel Muftah Elforjani li tinkwadru ruhha fl-artikolu 325(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont ta' hsara kagunata mill-istess imputat ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta tammonta ghal 15.65 Ewro ekwivalenti ghal Lm6.72.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Richard Sladden bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat Adel Muftah Elforjani iddikjara li l-istess imputat qieghed jaccetta dan l-ammont.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Abdul Baset Dabia l-artikolu 46 tal-Kap. 204 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Adel Muftah Elforjani l-artikolu 46 tal-Kap. 204 u l-artikoli 95, 96 u 325(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Abdul Baset Dabia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imsemmi imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tikkundanna lill-imsemmi imputat Abdel Baset Dabia ghall-piena komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija.

Issib lill-imputat Adel Muftah Elforjani, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmi imputat u li l-imsemmi imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi imputat Adel Muftah Elforjani ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u mitejn u tmienja u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (Ewro 248.59) multa, ekwivalenti ghall-mija u sitt Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm106.72) li tikkomprendi s-somma ta' hmistax il-Ewro u hamsa u sittin centezmu (Ewro 15.65) ekwivalenti ghall-sitt Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm6.72) rappresentanti l-ammont ta' hsara volontarja kagunata ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta mill-imsemmi imputat Adel Muftah Elforjani u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija moghtija fil-konfront tal-imsemmi imputat Adel Muftah Elforjani m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Adel Muftah Elforjani jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok MPG2 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) biex jaghmel tali distruzzjoni fil-

presenza ta' rappresentant tal-Gvernatur tal-Bank Centrali u wara ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Fid-dawl ta' dak dikjarat minn Dr. Leslie Cuschieri ghall-imputat Abdul Baset Dabia fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-istess imputat ghandu intenzjoni serja li jaghmel programm kontra l-vizzju tad-droga, il-Qorti tirrakommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara kif l-ahjar ikun assistit l-imsemmi imputat sabiex dan jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Adel Muftah Elforjani l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------